31987D0068

7.2.1987 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 37/30

# ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

## tas-26 ta' Jannar 1987

## li taċċetta għan-nom tal-Komunità fuq il-Ftehim Ewropew dwar l-Iskambju ta' *Blood-grouping Reagents*

(87/68/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropeja, u partikolarment l-Artikolu 28 tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi l-Artikolu 5(1) tal-Ftehim Ewropew dwar l-Iskambju ta' *Blood-grouping Reagents* jipprovdi li l-Partijiet fil-Kuntratt għandhom jieħdu l-miżuri neċessarji kollha biex jeżentu mid-doveri kollha ta'importazzjoni il-*blood-grouping reagents* li huma mqegħda għad-dispożizzjoni tagħhom mill-Partijiet l-oħra;

Billi kull derogazzjoni mit-Tariffa Doganali Komuni, sew jekk awtonoma u sew jekk konvenzjonali, taqa' fil-kompitu ewlieni tal-Komunità;

Billi d-dħul fis-seħħ ta'Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim li ġġiegħel il-Komunità Ekonomika Ewropea li ssir Parti tal-Kuntratt għal dak il-Ftehim tħalli l-Komunità teżerċita l-kompetenza tagħha f' din l-affari; billi d-derogazzjonijiet li hemm ipprovduti fil-Ftehim huma diġa mogħtija mir-regoli tal- Komunità ta'għajnuna fuq id-dazji;

Billi il-Komunità għandha għalhekk ssir Parti tal-Kuntratt fil-Ftehim,

IDDEĊIEDA KIF ĠEJ:

*L-Artikolu 1*

Il-Ftehim Ewropew dwar l-Iskambju tal-*Blood-grouping Reagents* huwa hawnhekk aċċettat għan-nom tal-Komunità Ekonomika Ewropea.

It-test tal-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

*L-Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill huwa hawnhekk awtorizzat biex jinnomina l-persuni li għandhom il-poter li jiffirmaw il-Ftehim sabiex jorbot il-Komunita.

Magħmula fi Brussel, fis-26 ta'Jannar 1987.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

L. TINDEMANS